**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 58

It-Tlieta , 16 ta’ Ġunju, 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Stefan Cordina | Preżenti |
| Sindku Sliema | Anthony Chircop | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Prezenti |
| Viċi Sindku B’Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku Il-Gżira | Conrad Borg Manche | Preżenti |
| Sindku Ta’ Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Preżenti |
| Sindku Il-Pietà | Keith Tanti | Skużat |
| Sindku L-Iklin | Anthony Dalli | Preżenti |
| Sindku Ħal Balzan | Dr Ian Spiteri | Preżenti |
| Sindku San Ġiljan | Karl Gouder | Preżenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 57 li saret nhar il-Ħamis, 28 ta' Mejju 2015, kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Anthony Chircop, sekondat mis-Sur Dominic Cassar.

## 2. ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, staqsa lill-membri preżenti jekk hemmx xi ħadd mill-membri preżenti li xtaq xi kjarifika fuq il-minuti tal-laqgħa preċedenti.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, spjega lill-membri kif wara l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, huwa mar fuq il-post mal-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, biex jevalwaw jekk il-post hux tajjeb biex titwaħħal CCTV Camera.

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni fuq din il-proposta u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, għandha tipproċedi b'din it-talba.

Is-Sur Sultana staqsa wkoll jekk kienx hemm xi żvilluppi rigward il-kirja, kif ukoll rigward is-servizz ta' *Computer Technician.*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea spjegat li għad ma għandhiex informazzjoni fuq il-kirja.

Is-Sinjura Galea qalet ukoll li infurmat lill-Keyin Computer Services Ltd bit-talba tar-Reġjun u li din it-talba kienet intlaqgħet. Għal din ir-raġuni sar ftehim bil-miktub b'effet mill-1 ta' Ġunju 2015 għal sena. F'dan il-ftehim hemm inkluż li din il-kumpanija ser toffri is-servizz tagħha għall-ewwel tliet Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun li jressqu t-talba tagħhom għall-ħsarat fuq il-kompjuters tagħhom.

Is-Sinjura Galea spjegat lill-membri preżenti sabiex jagħmlu kuntatt magħha jekk il-Kunsill ikollu bżonn ta' dan is-servizz sabiex il-kuntrattur ikun infurmat.

Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, xtaq jikkjarifika li, hekk kif hemm imniżżel fil-minuti tal-laqgħa preċedenti, il-Kumitat Konġunt ta' tas-Sliema kien investa ħafna flus sabiex jitranġa l-uffiċċju tat-Tribunal u kif dawn l-ispejjez flimkien mal-informazzjoni meħtieġa ser jitressqu lir-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ikkonfermat li dan il-punt kien tqajjem fil-laqgħa preċedenti però ma rċievet l-ebda korrispondenza u għalhekk dan għadu ma tressaqx fil-laqgħat ta' dan ir-Reġjun.

## 3. KORRISPONDENZA

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-membri li nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2015, l-Awditur bagħat il-*Management Letter* għas-sena finanzjarja 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien ma'l-accountant, is-Sur Brendan Camilleri, qed jippreparaw it-tweġiba għal din l-ittra biex tkun diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

4. **MISTOQSIJIET**

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri.

Is-Sur Anthony Chircop staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq it-talba ta' speed cameras.

Is-Sinjura Galea spjegat li l-proċess għadu għaddej.

Is-Sur Stephen Sultana xtaq iqajjem il-problema tal-ECO Wardens. Huwa spjega kif l-ispiza hija waħda kbira u għal din ir-raġuni, huwa staqsa jekk ir-Reġjun jistax joħorġ sejħa fuq l-ECO wardens biss.

l-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur Soler, ikkonferma li dan ir-Reġjun huwa marbut b'tender mal-Guard and Warden Service Ltd. U li għal din ir-raġuni ir-Reġjun ma jistax joħroġ talba oħra.

Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Karl Gouder, staqsa jekk jistgħux jagħmlu talbiet lill-Pulizija minflok jużaw il-Gwardjani Lokali peress li l-ispiża tiġi ferm inqas.

Is-Sindku tal-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, spjegat li bil-Pulizija diffiċli avolja jkunu pajżana.

Il-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, issuġġeriet li dan ir-Reġjun għandu jerġa' jmur lura għas-sistema ta' kif kien qabel. Dik li l-ispiza tal-ECO Wardens tinħareġ mil-fondi tar-Reġjun u mhux mill-Kunsill Lokali.

***17:56pm is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, wasal għal din il-laqgħa.***

Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ippropona li dan ir-Reġjun għandu jagħmel perjodu jinvesti fl-edukazzjoni. Kompla jgħid ukoll kif fil-lokalità tiegħu hemm problema kbira bil-barranin u ssuġġerixxa li minflok jitħarrek il-persuna li jkun qed jikri l-post, iċ-ċitazzjoni għandha tingħata lil sid il-post biex dan ikun jista' jaqta' din l-ispiza mill-kont tal-kera.

***18:00pm is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, waslet għal din il-laqgħa.***

Ġie deċiz li għalissa, minħabba r-riforma tal-Gwardjani Lokali, is-sistema tal-ECO Wardens għandha tibqa' kif inhi fil-preżent.

Is-Sur Conrad Borg Manche ressaq suġġeriment fuq il-*permit system* li l-Kunsill tiegħu għadu kif installa. Xtaq isaqsi lill-membri jekk għandhomx ikollhom aċċess għal din is-sistema bħala Reġjun.

Is-Sur Conrad Borg Manche staqsa dwar il-clamping ta l-karozzi b'number plate ta' barra.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-laqgħa tar-Reġjun kien ġie mistieden is-Sur Gilbert Agius mit-Transport Malta sabiex tiġi dikussa din il-problema. F'din il-laqgħa is-Sur Agius kien spjega li TM kienet ser tibda tirregolarizza din il-problema minn April 'il quddiem iżda s'issa ma kien hemm l-ebda żviluppi.

Is-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, ressaq suġġeriment li għandu jkun hemm laqgħa bejn l-AKL u Transport Malta sabiex tkun tista' tiġi diskussa din il-problema. Dan għaliex din il-problema tinsab fil-lokalitajiet kollha u l-AKL għandha tkun ta' leħen għal dawn il-Kunsilli li għandhom din il-problema komuni bejniethom.

Is-Sur Conrad Borg Manche staqsa jekk il-Presidenza tar-Reġjun tistax tkun bis-sistema ta' *rotating chairmanship.*

Is-Sur Cordina spjega li hemm elenkat fil-liġi tar-Reġjuni kif għandu jkun elett il-President tar-Reġjun u għalhekk għandha tittieħed din il-proċedura.

Is-Sinjura Magda Magri Naudi spjegat li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali tagħha, kien ġie mistieden is-Sur James Xuereb li kien ġie ukoll waqt laqgħa tar-Reġjun sabiex jispjega fuq is-sistema tal-asfaltar. Is-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet jekk kienx hemm xi Kunsilli Lokali oħra li kienu interessati li jagħmlu użu minn dan is-servizz.

Is-Sur Stefan Cordina spjega kif il-Kunsill Lokali tiegħu wkoll kien stiednu għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill pero huwa informa lis-Sur Xuereb li fil-preżent hemm il-proċess ta' tender u għalhekk is-Sur Xuereb għandu jitfa' d-dokumenti bħala kuntrattur meta terġa' tinħareġ din is-sejħa. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill ma setax jagħmel użu mis-servizz tiegħu fil-preżent.

Is-Sur Anthony Chircop ġibed l-attenzjoni li dan l-apparat li jintuża mill-kumpanija tas-Sur Xuereb bħalissa mhux qiegħed f'Malta peress li jintuża f'postijiet oħra.

Is-Sur Stephen Sultana spjega li meta is-Sur Xuereb kien preżenti fil-laqgħa tar-Reġjun, il-membri kienu qalulu sabiex javviċina lill-WSC u mhux lil Kunsilli Lokali peress li kollha qegħdin b'tender.

## 5. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, spjega kif fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun kien hawn qbil unanimu bejn il-membri kollha sabiex jerġa jitqassam ammont ieħor mid-dħul ta' LES. Għal din ir-raġuni, l-accountant, is-Sur Brendan Camilleri, infurmana li r-Reġjun jista' jerġa' jqassam l-ammont ta' €200,000. Fil-lista tal-pagamenti hemm inkluz dan it-tqassim li, skond il-persentaġġi, jammonta għal **€200,167.50.**

## 6. AFFARIJIET OĦRA

### 6.1 *Aġġornament fuq is-sejħa ta' Accounts Officer*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri li l-membri tal-board magħmul mis-Sur Stefan Cordina, is-Sur Anthony Chircop, is-Sur Conrad Borg Manche' u s-Sur Stephen Sultana, iltaqgħu fl-uffiċċju amministrattiv nhar il-Ħamis 4 ta' Ġunju 2015 sabiex jagħmlu *short listing* tal-kandidati. Kien hemm qbil li l-intervisti għandhom isiru t-Tnejn 15 ta' Ġunju 2015 fil-5:30pm ġewwa l-uffiċċju tat-Tribunal.

Ilbieraħ il-Bord iltaqa' u proċeda bl-intervisti ma' 6 kandidati. Is-Sur Cordina ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba laqgħa oħra. Il-klassifika tal-bord hija -

1. Ian Magro
2. Tyrone Barbara
3. Leanne Saffrett
4. Maria Mamo
5. Marylene Spiteri
6. Alexia Vassallo

Kien hemm qbil bejn il-membri tal-Bord li jekk l-persuna ma taċċettax il-pożizzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv għandha ssaqsi lill-persuni l-oħra skont il-klassifika.

### *6.2 Xiri ta' tliet kompjuters*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, spjega li fil-laqgħa Nru 55, kien ġiet approvata t-talba sabiex jinxtraw tliet kompjuters oħra. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ġabret tliet kwotazzjonijiet.

Is-Sur Cordina spjega l-informazzjoni li nġabret mit-tliet kwotazzjonijiet.

| | Isem tal-Kumpanija | Ditta tal-PC | Rata għal kull PC | Rata tal-Mircosoft Office | Ammont totali | Garanzija fuq il-Parts u l-Mandopera |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| 1 | **Intercomp** | Dell | €800.00 | €225.00 | €3,075.00 | 36 xahar |
| 2 | **Merlin Computers** | Fujitsu | €796.50 | €236.00 | €3,097.50 | 36 xahar |
| 3 | **Klikk Ltd.** | Rock | €803.00 | €245.00 | €3,144.00 | 24 xahar |

Is-Sur Conrad Borg Manche staqsa jekk l-ispecifications tal-kwotazzjonijiet humiex kollha l-istess.

Is-Sinjura Galea spjegat li fis-sena 2014 kienet inħareġet *call for quotations* sabiex jinxtraw tliet kompjuters għar-Regjun. Peress li l-ammont totali ma jaqbix l-€4658.75 (tal-procurement limit), is-Sinjura Galea ġabret tliet kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni tar-Reġjun.

Żiedet tgħid ukoll li meta ressqet it-talba ta' kwotazzjoni lill-kuntratturi, kien hemm inkluz ukoll l-ispeċifikazzjonijiet neċċessarji.

Kien hemm qbil unanimu li dawn il-kompjuters għandhom jinxtraw mingħand l-Intercomp.

### 6.3 Xiri ta' Monitor

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, spjega li hemm bżonn li jinxtara Monitor u għal din ir-raġuni nġabret kwotazzjoni mill-kumpanija Intercomp Ltd bi prezz speċjali ta' €158.12 (VAT Inkluż).

Din ġiet approvat mill-membri kollha preżenti.

## 10. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Is-Sur Conrad Borg Manche, sekondat mis-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 57. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 11. TMIEM

Fis-6.30pm ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Stefan Cordina
President